MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 360/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lawrence Camenzuli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Lawrence Camenzuli talli f’dawn l-ahhar xhur f’dawn il-Gzejjer Maltin bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu fixkel lil martu Serafina Camenzuli fil-pussess ta’ hwejjigha;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Novembru 2008 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Lawrence

Camenzuli hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijet ta' Malta lliberatu bil-kundizzjoni li sa zmien gimaghtejn mid-data tas-sentenza jghaddi kopja tac-cavetta tad-dar 6 Sqaq il-Matluwa, Triq Santu Rokku, Birkirkara lil martu Serafina Camenzuli;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Lawrence Camenzuli pprezentat fid-9 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu nstab hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija u, alternattivament u fl-eventwalita` li din il-Qorti ssib htija, tirriformaha kwantu ghall-piena b'dan illi, *inter alia*, ma tordnalux jikkonsenja c-cavetta tal-fond lil martu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Lawrence Camenzuli jikkonsisti filli jghid illi huwa kellu jigi liberat peress illi qatt ma cahhad lil martu milli taccedi fid-dar ammenocche` ma taghtix pre-avviz, u dan huwa ghamlu mhux kapriccozament izda sabiex jipprotegi lilu nnifsu mill-aggressivita` ta' ibnu Renaldo Camenzuli u martu Serafina Camenzuli u dan peress illi huwa jghix hemm.

Qabel xejn din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi bis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li ddikjarat lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta, iddisponiet mill-kaz billi rreferiet ghall-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u lliberat lill-appellant (allura imputat) "bil-kundizzjoni li sa zmien gimaghtejn millum jghaddi kopja tac-cavetta tad-dar 6, Sqaq il-Matluwa, Triq Santu Rokku, Birkirkara lil martu Serafina Camenzuli". Issa, skond l-artikolu 22 tal-Kap. 446, l-unika kondizzjoni li tista' ssir meta l-hati jinghata *conditional discharge* hi li ma jaghmel

ebda reat matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata. Sabiex l-ewwel Qorti setghet taghmel l-ordni li l-appellant jaghti kopja tac-cavetta tad-dar msemmija lil martu, tali ordni kellu jsir skond l-artikolu 377 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9, meta Qorti taghti s-sentenza kontra l-imputat, **“ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”** Bil-mod kif iddecidiet l-ewwel Qorti giet illi naqset milli taghti piena peress illi fil-verita`, ghalkemm ghamlet referenza ghall-artikolu 22 tal-Kap. 446, hija ma applikatx, jew naqset milli tapplika korrettement, il-provvedimenti ta’ dak l-artikolu. Konsegwentement ma giet inflitta l-ebda piena fuq l-appellant u s-sentenza appellata hi nulla. Ghalhekk din il-Qorti sejra tittratta l-kaz mill-gdid.

Dawn il-proceduri gew inizjati bi kwerela ta’ Serafina Camenzuli, mart l-appellant, li lmentat li ghalkemm b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Superjuri Civili) tat-30 ta’ Mejju 2008 kemm hi kif ukoll zewgha kellhom id-dritt tal-uzu u abitazzjoni tad-dar matrimonjali ghal perijodu ta’ sitt xhur mid-data ta’ dik is-sentenza, l-appellant irrifjuta li jikkonsenjalha c-cavetta tad-dar. Il-kwerela ntbaghtet lill-Pulizija fl-4 ta’ Lulju 2008. Ic-citazzjoni nharget fis-26 ta’ Settembru 2008 u l-kawza giet deciza fis-26 ta’ Novembru 2008, mela entro l-perijodu ta’ sitt xhur mid-data tas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell. Skond l-istess sentenza, wara dawk is-sitt xhur il-partijiet kellhom jallontanaw ruhhom mill-imsemmi fond li, jekk ma jkunx inbiegh fuq is-suq liberu, kellu jinbiegh bis-subbasta.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Raymond Pace** deciza fl-1 ta’ Dicembru 2000, din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk dwar il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali:

"Ghar-risoluzzjoni ta' dan il-kaz, wiehed irid jara x'inhi ezattament il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali ghal dak li jirrigwarda t-tgawdija taghha mill-konjugi. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom

jitqiesu bhala 'ko-pussessuri' tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-pussessuri, kull wiehed mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Georgina Gauci** li ghaliha ghamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali). Il-konjugi jibqghu hekk ko-pussessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi ghandu jibqa', *pendente lite*, f'dik id-dar ad eskluzjoni tal-parti l-ohra (Artikolu 46, Kap. 16). Kieku kien mod iehor, cioe` kieku l-parti li thalli d-dar matrimonjali *pendente lite* titlef id-dritt taghha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'hin trid terga' tidhol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tigi nieqsa incentiva kbira ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-ligi tiffavorixxi r-rikonciljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) u 58(1) tal-Kap. 16). Ma huwiex korrett l-appellant meta jikkontendi li ghax martu abbandunat id-dar matrimonjali hi 'ddekadiet mid-dritt ta' l-uzu u l-pussess tad-dar'. Id-dekadenza li tikkommina l-ligi meta parti fiz-zwieg titlaq mid-dar matrimonjali hija fir-rigward tad-dritt ghall-manteniment mill-parti l-ohra, u dana biss kemm-il darba l-parti li tkun telqet mid-dar tirrifjuta minghajr raguni valida li tirritorna lura f'dik id-dar (Artikolu 6, Kap.16). Ghalhekk, meta fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni parti fiz-zwieg thalli d-dar matrimonjali - u salv dejjem sakemm ma jkunx hemm ordni tal-qorti kompetenti skond it-tieni parti tal-Artikolu 46 imsemmi - il-parti l-ohra ma tista' taghmel xejn intiz sabiex jimpediha milli jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali. Veru li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali ma jkollhiex il-pussess 'materjali' tad-dar u tal-oggetti fid-dar, izda jkollha dejjem il-pussess 'legali'. S'intendi, dan ma jfissirx li min jibqa' fid-dar matrimonjali ma jistax jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli sabiex jassigura, per ezempju, li terzi persuni li ma ghandhomx dritt jidhlu fid-dar ma jidhlux. Tali prekawzjonijiet

ragjonevoli jistghu jkunu jirrikjedu t-tibdil tac-cavetta tal-bieb ta' barra; pero` jekk isir hekk irid jigi assigurat mill-banda l-ohra li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali jkollha l-possibilita` li tidhol fid-dar x'hin trid, u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar".

L-appellant ipprova javvanza ragunijiet ghaliex ma setax jaghti kopja tac-cavetta lil martu – principalment li martu setghet tipprovokah, biza’ li seta’ jigrilu bhal haddiehor li kien issawwat u nharaq haj, kif ukoll biza’ minn ibnu z-zghir li kien sawtu u offendieh. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dawn ir-ragunijiet ma jiswewx ghax bir-rifjut tieghu li jaghti cavetta lil martu, l-appellant gie li kien qieghed icahhad lil martu mid-dritt moghti lilha mill-Qorti li tuza u tabita fl-imsemmi fond. Jigifieri bin-nuqqas tieghu kien qieghed jimpedixxi lil martu mill-access liberu ghall-fond matrimonjali, access li kien jippermettilha wkoll illi turi l-fond lil vendituri prospettivi minflok ma l-imsemmi fond jinbiegh bis-subbasta. Ghalhekk l-appellant irrenda ruhu hati tar-reat ta’ ragion fattasi.

L-appellant fix-xiehda tieghu ddikjara li llum m’ghadux joqghod fl-imsemmi fond – kif intqal, fis-sentenza tat-30 ta’ Mejju 2008 kien gie ordnat li l-partijiet kellhom jallontanaw ruhhom mill-fond fi zmien sitt xhur – u li c-cavetta ddepozitaha l-Qorti. Peress illi llum l-appellant hareg mid-dar, il-bizat li semma huma llum infondati u ma hemm xejn x’jimpedieh milli jaghti kopja tac-cavetta lil martu jekk se jitkompla l-process biex il-fond jinbiegh. Wara kollox kemm hu kif ukoll martu baqghu ko-pussessuri tad-dar matrimonjali u galadarba hadd minnhom ma hu qieghed jghix fl-imsemmi fond, jinsabu fl-istess bahar.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt illi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett, tiddeciedi l-kaz mill-gdid u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara lill-imsemmi Lawrence Camenzuli hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet xhur millum u a tenur ta’ l-artikolu

377 tal-Kap. 9 tordna li jikkonsenja lil Serafina Camenzuli kopja tac-cavetta tal-fond 6 Sqaq il-Matluwa, Birkirkara sa zmien gimaghtejn millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------